**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 22/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**George Grech**

Seduta tal-28 ta' Jannar, 2021

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, George Grech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 18950G, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fil-15 ta' Lulju 2004 ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart ta' wara nofs inhar fil-fliegu ta' bejn Malta u Kemmuna bhala sid u/jew kaptan ta' bastiment kummercjali u cioe' tal-MV Romantika ippermetta li l-istess bastiment jithaddem

b'mod ta' periklu ghall-hajja tan-nies jew tal-propjeta` tal-ohrajn jew li jista' jaghmel hsara lil-ambjent tal-bahar ;

2. U talli fl-istess jum, hin, lokazzjoni u cirkostanzi bhala kaptan tal-istess bastiment haddmu b'velocita' gholja u/jew meta kien fi stat ta' sokor u/jew bi thaddim mhux kif imiss u/jew b'agir deliberat u mhux xieraq, biex jaghmel hsara lill-proprjeta ta' xi persuna ohra;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lokazzjoni u cirkostanzi bhala kaptan tal-imsemmi bastiment ma halliex bastiment iehor jghaddi u/jew fixkel l-operatur ta' bastiment iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Jannar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat il-L.S.499.23 regolamenti 43(1), 43(2) u 44(1)(2), u 66(1), u l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap 9, sabet lill-imputat hati ta` l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghall-piena tal-multa fis-somma komplessiva ta` tmien mitt Euro (€800).

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Jannar, 2015, li bih talab lil din il-Qorti **thassar** u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tilliberah minn kull htija u piena, u subordinatament, f'kaz ta' konferma ta' htija, illi tinfliggi piena aktar mita u gusta skond il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li zewg dghajjes licenzjati kummercjalment ghall-garr ta' passiggieri u t-tnejn mghobbija b' 45 u 75 turist, kienu fi triqithom lejn Malta minn Kemmuna. Dik misjuqa mill-imputat hin minnhom ssorpassat dik misjuqa mill-kwerelant b'dan tal-ahhar jallega li dan sar b'manjiera ghall-kollox kontra r-regolamenti filwaqt illi l-imputat jghid illi bil-manuvra tal-kwerelant fehem illi kien b'hekk ghamillu sinjal biex jghaddi ghal quddiemu;

2. L-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravam tal-apprezzament zbaljat tal-provi u jressaq diversi argumenti in sostenn tal-aggravju tieghu li, izda, ser ikunu konsiderati *quid unum* fid-diskussjoni dwar jekk l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment setghetx tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha; Tajjeb ghalhekk li ssir rassenja tal-provi mressqa inkluz sintesi tad-deposizzjoni tax-xhieda l-aktar relevanti;

3. **Hubert Zarb** xehed li kien il-*master* tal-iskuna *MARIA GEORGETTE* u waqt li kien ghaddej mis-*South Comino Channel* u malli wasal fil-ponta tal-Ahrax ra d-dghajsa *ROMANTICA* gejja warajh bid-dritt ghal-San Pawl, nnota li dan kien qed izid fil-velocita' mid-duhhan li tiela' mic-cumnija, gih minn fuq *port side* u dahallu fuq *starboard side*, "u jien tajt [qtajt] il-gass, tfajtha *free u issijajt, u dak il-hin kelli* digital camera u hadtlu (2) ritratti". Spjega li kien ha dawn iz-zewg ritratti bil-ghaggla u huma sfukati ghaliex kien mahsud.

Fuq id-dghajsa kellu 48 passiggier u tlett crew filwaqt li kienu ghaddejjin bis-sitt nodi u nofs u nizzel kollox fil-*log book*. Dak il-hin ma kienx jaf min qed isuq id-dghajsa *ROMANTICA* ghaliex ma setax ihares peress illi kien qed inaqqas il-gass u qed jaqta z-zewg magni;

4. **Frank Zarb**, missier ix-xhud precedenti, spjega kif dakinhar fir-ritorn taghhom lejn Malta raw id-dghajsa *ROMANTICA* fil-boghod sewwa minnhom. F'hin minnhom ra c-cumnija taghha ddahhan u nnota li zied il-velocita', lahqithom fil-ponta tal-Ahrax u ghadda minn quddiemhom *port side* u t-tifel [ Hurbert Zarb] kellu jitfa l-magni *neutral* u ghamel *west turn* biex jevita incident;

5. **Karen Zarb**, mart ix-xhud Hubert Zarb xehedet li dakinhar kienet *deckhand* fuq id-dghajsa ta' zewgha. Waqt li kienu Kemmuna, is-sid li minghandha xtara d-dghajsa l-imputat, kienet fuq dik id-dghajsa u bdiet tghamlilha xi mossi b'subghajha u injoratha u l-imputat kien qieghed maghha jixrob il-birra. Wara li qalghu il-hbula u telqu lejn Bugibba kienet bilqieghda fuq il-poppa titkellem flimkien ma' turista u tara lill-*ROMANTICA* gejja fid-direzzjoni taghhom u avzat lill-zewgha biex joqghod attent ghaliex donnu kien ser jigri xi haga. F'salt wiehed l-magni tal-imputat bdew izidu hafna u qasam ezatt ghal go l-pruwa. Zewgha waqqaf il-magni billi tefghahom *neutral* biex jevita incident. Id-dghajsa tal-imputat ghaddiet bejn tlieta sa hames metri boghod u z-zewg dghajes huma twal 18-il metru. Spjegat ukoll illi l-imputat ta' spiss jaqbad maghhom ta' xejn b'xejn meta jidhol mal-moll ta' Bugibba bla permess;

6. **L-imputat** xehed illi ghandu erbghin sena esperjenza sia fl-ibhra interni kif ukoll dawk internazzjonali. Spjega illi l-kwerelant huwa kompetitur u jekk ikollu xi erba' passiggiera "jsir ma nafx kif". Spjega ukoll kif dejjem joqghod ghassa tal-hin meta jitlaq minn Kemmuna u dakinhar stennieh jitlaq halli jekk imur minn naha tal-fliegu ta' bejn Malta u Kemmuna l-imputat imur min naha tal-fliegu ta' Kemmuna u Ghawdex biex jevitah. Il-kwerelant qaghad jistennieh u gew f'sitwazzjoni fejn skond il-ligi internazzjonali l-kwerelant kellu d-dritta u ghalhekk l-imputat naqqas il-velocita' tad-dghajsa, l-kwerelant ukoll naqqas il-velocita' u waqaf u kien ghadu l-boghod. Normalment dik tfisser li qed itih id-dritta izda zgur ma kienx ser jghaddi minn warajh ghaliex hemmhekk hemm il-blat u hadd ma kien ser jidhaq bih specjalment meta jkollu t-turisti abbord. Ghalhekk rega' startja u malli gie f'certa posizzjoni l-kwerelant beda jiehu r-ritratti.

7. Meta wasal San Pawl hadd ma qallu xejn u nesa kollox ghaliex qatt ma kien hemm xi periklu tant li kieku kien jaghmel rapport hu stess. Spjega li hu ma ghamel xejn hazin u kien il-kwerelant li mar kontra r-regoli meta tah id-dritta. Spjega li zgur kien 'l fuq minn mitejn metru boghod mill-kwerelant ghaliex ghandu l-alarm tar-radar issetjat biex jiskatta f'distanza ta' inqas minn mitejn metru u dan kien qed jahdem tant illi meta wasal mal-blat beda jinstema' l-alarm. Dakinhar kellu madwar hamsa u sebghin passiggier u kien il-kwerelant li telaq l-ewwel minn Kemmuna pero qaghad jittamah u jistenna lill-imputat billi saq bil-mod. Il-familja kollha qaghdu jiehdu r-ritratti.

8. In kontro-ezami jghid li l-kwerelant mar *astern* meta ma kellux ghalfejn u ghamel hekk sakemm igibu f'posizzjoni li jehodlu r-ritratti. Muri iz-zewg ritratti esebiti, l-imputat jghid li z-zewg dghajjes qatt ma kienu f'dik il-posizzjoni u f'dik id-distanza u ma jafx kif il-kwerelant gab dak ir-ritratt. Wara li qabzu, l-kwerelant rega' gie jigri, avvicina u rega' gibed ir-ritratti. Jghid ukoll li l-kwerelant ha madwar ghoxrin ritratt kif ukoll il-familja kollha hadet ritratti. Spjega ukoll illi "*x'hin ta stern reverse, meta taha stern ghax hu ma kienx jaf zgur jekk hux se nghaddi jew le imma biex jassigurani li hemm biex nghaddi halli hu jkompli l-programm tieghu, hu beda jaghti reverse ghax jien rajtu u daqqejnielu u kellimtu bir-radio u ghamilli xi haga pastaza bir-radio".* Jghid illi meta mitkellem mill-Pulizija qatt ma semma l-apparat tar-radar ghaliex qatt ma kien hemm periklu. Jinsisti li hemm qatt ma hass li kien hemm periklu u l-Pulizija kelmitu wara sitt xhur ta' dan kollu u ghad li ghandu memorja tajba ma jistghax jiftakar dawn id-dettalji;

9. **L-Ispetter Raymond Cassar** xehed kif investiga l-kaz seba' xhur wara r-rapport ghaliex kien qed jistenna l-awtorizzazzjoni mill-Awtorita' Marittima;

10. Ezaminati bir-reqqa dawn il-provi mill-ottika tal-fatti imputati, jemergi illi dak li bih huwa imputat l-appellant hu radikat mid-disposizzjonijijet tar-regoli numri 43(1) u (2) u 44(1) tal-Avviz Legali 284 tal-2002 ossia LS 499.23 Regolament Dwar il-Bastimenti Kummercjali maghmula bis-sahha tal-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, l-ksur ta'

liema jirraviza reat skond kif ipotizzat fir-regolament 66 tal-istess regolamenti;

11. Huwa minnufih evidenti illi l-ewwel Qorti emmnet il-verzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u skartat dik proposta mill-imputat. Hu minnu dak li qal l-appellant illi hu ma kellu jipprova xejn izda l-Qorti tinnota illi ghad illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni qatt ma kienu kontro-ezaminati, id-deposizzjoni tal-imputat ma ghandha xejn mis-sewwa. Issa, l-ewwel Qorti kienet libera li tghazel verzjoni minn ohra u temmen lil dak ix-xhud jew xhieda li jidrilha li ghandha mis-sewwa meta ezaminata mal-fatti proposti. Huwa l-buon sens li jiggwida lill-gudikant biex jemmen vezjoni minn ohra, l-esperjenza tal-hajja, il-komportament tax-xhud u fatturi ohra li jistghu jghinu fit-tfittix ghall-verita;

12. A propozitu, tajjeb li jkun puntwalizzat illi huwa komunement u wisq drabi invokat l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali bhala regola fl-ezami ta' xhud sabiex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni jekk dak ix-xhud ghandux jitwemmen jew le. Fil-fehma ta' din il-Qorti din hija interpretazzjoni zbaljata ta' dan l-artikolu ghaliex dan jitkellem dwar meta tinghata eccezzjoni dwar il-kredibilita' tax-xhud fit-termini tal-artikolu 630, 633 636 tal-Kodici Kriminali. Fl-artikolu 637 u ghalhekk meta tinghata eccezzjoni kif appena indikat u l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha tichad dik l-eccezzjoni, ghandha tiehu qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatti jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Dan hu ghalhekk

dak li ghandu jizen b'kawtela gudikant meta xhud ikun il-kwerelant jew il-persuna li tkun ghamlet ir-rapport jew tkun tigi mid-demm jew imhallta bi zwieg jew li jkollha kuntratt jew interess iehor mal-parti jew mal-imputat jew akkuzat. Tant illi l-artikolu 633 jibda bil-kliem "Ebda eccezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud ma tista' tinghata" u jkompli " imma f'kull kaz bhal dan" igifieri f'kull kaz fejn ikun hemm relazzjoni bid-demm ecc, il-gudikant ghandu jipprocedi fuq dik ix-xhieda bl-istess mod shih u ferm daqs li kieku dawk il-fatti kienu pruvati minn persuna barranija;

13. Applikat il-buon sens ghal-gudizzju dwar min qed jghid il-verita' huwa bil-wisq evidenti illi hija l-verzjoni tal-kwerelant, martu u missieru li ghandha mis-sewwa. Dan ghaliex apparti li l-verzjoni taghhom hija sostenuta biz-zewg ritratti mehuda f'dik il-konfuzzjoni, it-tentattiv tal-imputat biex ixejjen dawn il-verzjonijiet wasslu sabiex ipingi stampa fittizja ta' dak li skont hu verament gara;

14. Fl-aggravji tieghu l-appellant jikkapitalizza fuq zball fit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-Kaptan tal-MARIA GEORGETT. Dan hu registrat li qal li meta gara l-incident l-imputat dahallu fuq *starboard side*, "u jien tajt [qtajt] il-gass, tfajtha *free*". Huwa bil-wisq evidenti li dan huwa zball dattilografiku ghaliex dak li qal ix-xhud kien li "qtajt" u mhux "tajt" il-gass. Dan hu rikonoxxut mill-imputat inniffsu li jghid illi kien il-kaptan tal-MARIA GEORGETTE stess li dan tal-ahhar beda miexi *astern*, fejn allura bilfors li kellu l-ewwel jaqta' l-power. Frankament dan kien argument frivolu fit-tentattiv tal-imputat biex iqieghed il-verzjoni tal-kwerelant

fid-dubju. Il-Qorti tinnota illi fid-deposizzjoni tieghu in kontro-ezami, l-imputat kien inkonsistenti ghall-ahhar u kien sokkombenti ghall-kull suggeriment li sarlu. Jekk din il-Qorti kellha tghazel uhud minn dawn l-istanzi hemm dik fejn il-prosekuzzjoni staqsietu ghaliex fix-xhieda tieghu qal li l-kwerelant kien irriversja. Issa fix-xhieda tieghu l-imputat qatt ma qal dan id-diskors izda wiegeb "Dan waqaf biex jassikurani biex jien nghaddi, biex nifhmu li hu tani l-way. Ma kellux ghalfejn jirriversja dan, ma kellux ghalfejn imur stern [recte: *astern*]. Mela hawnhekk l-imputat ikkonferma bi kliemu li dak li qal il-kwerelant kien minnu igifieri li qata' l-gass u mhux ta il-gass, oltre li qatt fix-xhieda tieghu ma kien qal li d-dghajsa tal-kwerelant marret *astern*;

15. L-imputat imbaghad jghid li l-familja kollha qaghdu jiehdu r-ritratti u minkejja dan kienu esebiti tnejn biss li juri li huma mehuda f'cirkostanzi ta' caqliq bid-dghajsa tal-imputat ghaddejja tofroq l-ilma diehla b'mod angolat quddiem dik tal-kwerelant. Igib hafna zkuzi dwar radar u alarm issettja biex jiskatta f'distanza ta' ostakolu f'anqas minn mitejn metru u li dan kien jahdem tant li skatta meta gie mal-blat u la darba ma skattax meta gie mad-dghajsa tal-kwerelant allura ma kien hemm ebda lok ta' incident;

16. L-imputat jallega ukoll fid-deposizzjoni volontarja tieghu illi ghalih ma kien hemm ebda incident. Minkejja dan jghid "hu beda jaghti reverse ghax jien rajtu u daqqejnielu u kellimtu bir-radio u ghamilli haga pastaza bir-radio";

17. L-ewwel Qorti ghalhekk kienet ragjonevoli fid-dispensa tad-diskrezzjoni taghha li temmen lix-xhieda tal-prosekuzzjoni u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba dik id-decizzjoni;

18. Jifdal ghalhekk ikun deciz jekk l-ewwel Qorti kienetx ragjonevoli u legalment korretta fid-decizzjoni taghha dwar l-manuvra tal-appellant waqt li sia hu kif ukoll il-kwerelant kienu fl-inkarigu kummercjali ta' trasport ta' passiggieri. Dwar dan irid jinghad illi r-regoli tat-triq fil-konfront tal-bahar jirrikjedu ferm aktar attenzjoni fl-implimentazzjoni taghha minn dawk li jirregolaw l-uzu tal-vetturi fit-toroq u dan ovvjament minhabba li l-parametri huma ben diversi u li din il-Qorti m'ghandiex ghalfejn tinoltra dwarhom. Issa, wahda minn dawn ir-regoli hi dik tas-sorpass u ghal dan il-ghan issir referenza ghall-Rule 13 tal-International Regulations For Preventing Collisions at Sea, 1972 rezi applikabbli fil-ligi taghna bis-sahha tal-Avviz Legali 340 tal-2003 (SL234.20) Regolamenti Dwar it-Tharis Mill-Kollizzjonijiet;

19. Ir-Rule 13 - *Overtaking* - tipprovdi hekk:

(a) Notwithstanding anything contained in the Rules of Part B, Section 1 and II, any vessel overtaking any other shall keep out of the way of the vessel being overtaken.

(b) A vessel shall be deemed to be overtaking when coming up with another vessel from a direction more than 22.5 degrees abaft her beam, that is, in such a position with reference to the vessel she is overtaking, that at night she would be able

to see only the stern light of that vessel but neither of her sidelights.

(c) When a vessel is in any doubt as to whether she is overtaking another, she shall assume that this is the case and act accordingly.

(d) Any subsequent alteration of the bearing between the two vessels shall not make the overtaking vessel a crossing vessel within the meaning of these Rules or relieve her of the duty of keeping care of the overtaken vessel until she is finally past and clear.

20. Minn ezami tal-atti, il-manuvra ezegwita mill-imputat kienet tghati lok ghal dak li fil-gergo tal-ligi marittima jissejjah *a potential collission situation* mahluqa mill-imputat b'mod volontarju u mhux dettata mic-cirkostanzi li sab ruhu fihom involontarjament. L-imputat, gie vicin hafna tad-dghajsa tal-kompetitur f'bahar li kien jippermetti passagg ferm aktar liberu u anqas perikolanti u qata' it-traettorja tad-dghajsa tal-kwerelant meta dahal quddiemha u nisslet il-htiega ta' dan tal-ahhar biex jaqta' l-magni u jmur *astern*;

21. Huwa inutili ghall-appellant li jghid li l-kwerelant ma xehedx dwar struzzjonijiet li ta lill-passiggiera tieghu wara dak li allega l-istess kwerelant. Jekk dan qatt seta' kien ta' soljev ghall-imputat kien jispetta lilu li jistaqsi lil wiehed mit-tlett xhieda tal-prosekuzzjoni fil-kontro-ezami. Haga li m'ghamilx u ma jistax issa jittanta jtellef mill-kredibilita' ta' dawn ix-xhieda;

22. Illi konsegwentement hija l-fehma assodata ta' din il-Qorti illi dik tal-ewwel grad setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha bil-fatt kif esposti ghad-decizzjoni taghha. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

23. Michud ukoll l-aggravju dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti la din tirrizulta fil-parametri tal-ligi u tenut li ma hemm xejn sproporzjonat jew esagerat fil-kominazzjoni taghha;

24. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.